**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs**

**Gega Gurgenidze**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet – kif korretti bid-digrieti ta' din il-Qorti tat-2 ta' Settembru 2019 u tat-18 ta' Novembru 2019 - migjuba kontra:

**Gega Gurgenidze** ta' 22 sena bin Mamouka u Nana Chikviladze imwieled Rustavi f'Georgia fit-22 ta' Gunju 1997 u residenti (indirizz mhux maghruf), numru tal-Passaport 15AB95029 u numru tal-karta tal-identita ta' Georgia 13ID29933/35001112977.

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Gunju 2019 bejn 21:30 hrs u 22:15 hrs minn gewwa Villa numru 31 Triq Bir Rikka, Marsaxlokk:

1) Ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus u /jew oggetti ohra liema serq hu aggravat bil-hin, lok u valur liema ammont jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,32937) u dan sar ghad-dannu ta' Anthony Mangion u Grazille

Mangion minn Marsaxlokk, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 269, 270 u 279 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Ukoll talli nhar l-20 ta' Gunju 2019 u fil-granet ta' wara f' dawn il-gzejjer laqa' ghandu hwejjeg misruqa, meħudha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibieghhom jew imexxihom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3) U aktar talli nhar il-21 ta' Awissu 2019 ghall-habta tas-12:45 hrs f'dawn il-Gzejjer Maltin saq vettura bil-mutur tal-ghamla Fiat IDEA bi numru DE 690XT b'mod traskurat u perikoluz. Art. 15 (1) (a) (2) Kap 65.

4) U aktar talli fl-istess data u f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer Maltin, saq l-imsemmija vettura bil-mutur fi triq pubblika, liema triq hija mghammra b'sinjali ta' dawl li jirregolaw it-traffiku tal-vetturi , u nqast li tieqaf meta s-sinjal kien qed jixghel fuq l-ahmar. Art 125 (2)(a) L.S. 65.11

5) U aktar talli fl-istess data u hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin saq l-imsemmija vettura b'sewqan eccessiv. (Art 127 (1). L.S. 65.11).

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imputat bhala ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligiijet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija timpeddixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni il-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Awwissu 2020, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261, 267, 269, 270 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 125(2)(a) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Fl-Artikolu 127(1) tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta
7. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**3.** Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dawn il-proceduri kriminali kontrih jitkomplew quddiem din il-Qorti bil-procedura sommarja.

**4.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**5.** Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-FATTI**

**6.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fl-20 ta' Gunju 2019 ghall-habta tal-10.05pm, il-Pulizija irciviet rapport ta' serqa minghand Anthony Mangion. Huwa qal li ghall-habta tad-9.35pm minn fuq il-webcam li kien hemm gor-residenza tieghu Marsaxlokk, ra zewg persuni mhux maghrufa minn fuq il-mowbajl gewwa r-residenza tieghu. Il-Pulziija marret fuq il-post. Peress li Anthony Mangion kien imsiefer flimkien mal-mara tieghu, dik il-gurnata, mar fuq il-post it-tifel tieghu Gustav Mangion.

ii. Il-hallelin ma ndunawx mill-ewwel li fir-residenza kien hemm zewg webcams. Meta ndunaw bihom, il-hallelin qalghuhom. Pero il-footage li lahaq ingibed gie storjat fil-cloud, u Mangion iddowloadjah u ghaddieh lil Pulizija. Minn dan il-footage ittiehed still ta' wicc wiehed mill-hallelin.

iii. Sussegwentement, irrizulta li gew misruqa *inter alia* l-ammont ta' 8000 Dollaru American (circa €7475), diversi bicciet ta' deheb li jammontaw ghal madwar €7,000, cirka mitt Franc Svizzeru inkluzi muniti, u zewg fliexken tal-fwieha ta' zewg ditti stabbiliti.[1]

iv. Issa inzerta li nhar l-21 ta' Awissu 2019 ghal habta tal-11.45am, l-Ispettur Shawn Pawney ma' PC 430 Andrew St. John kienu qieghdin fl-inhawi ta' Sea Passenger Terminal tal-Virtu Ferries fil-limiti tal-Marsa. Huma innotaw vettura tal-ghamla Fiat Idea sewda min-numru ta' registrazzjoni Taljan DE 690 XT. Huma diga kellhom informazzjoni li din il-vettura setghet kienet involuta f'xi kazijiet ta' serq minn djar. Ghalhekk huma segwew din il-vettura b'mod diskret.

v. Meta waslu fl-inhawi tal-junction tac-cimiterju tal-Addolorata, din il-vettura allegatament saqet b'velocita eccessiva minn fuq it-traffic lights li kienu homor, u daret f'daqqa ghall-karreggata l-ohra fuq in-naha tal-lemin. Huma baqghu isegwuh, sakemm finalment waqqfuha go parking area ta' supermarket f'Tas-Sliema.

vi. Ix-xufier ta' din il-vettura irrizulta li kien l-imputat, li gie arrestat kemm minhabba is-sewqan tieghu kif ukoll minhabba suspetti li seta' kien involut f'xi kazijiet ta' serq.

vii. Fit-tfittxija li saret fil-vettura li kien qed isuq l-imputat, instabu *inter alia* xi flus dollari, xi muniti Francs Svizzeri u zewg fliexken fwieha, li l-Pulizija immedjatament issuspettaw li setghu kienu relatati mas-serqa minn Marsaxlokk. In oltre gie elevat il-mobile tal-imputat.

viii. Il-Pulizija baghtu ghal Anthony Mangion, u dan gharaf il-fwieha, il-muniti Francs Svizzeri u il-flus dollari fost l-oggetti li nsterqu mir-residenza tieghu.

[1] Ara fol.92 tal-process.

ix. L-imputat innega l-allegazzjonijiet kollha li kienu qed isiru mill-Pulizija, u fl-istqarrija tieghu qal li huwa gie hawn Malta biex jistudja l-lingwa Ingliza u biex jiehu vaganza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**7.** Dan il-kaz jirrivolvi dwar kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda – ix-xhieda tal-Pulizija u l-provi prodotti minnhom fuq naha wahda u l-verzjoni tal-imputat, li ghazel li jaghti d-deposizzjoni tieghu, fuq in-naha l-ohra.

*L-Ewwel Zewg Imputazzjonijiet – Serq u Ricettazzjoni*

**8.** Il-Prosekuzzjoni tistrieh hafna fuq l-istill li ttiehed ta' wicc wiehed mill-hallelin minn fuq il-footage tal-webcam fir-residenza tal-konjugi Mangion.[2] Il-Prosekuzzjoni tinsisti li l-persuna f'dan l-istill huwa l-imputat. Id-difiza tirrikonoxxi li l-persuna f'dan l-istill tixbah lill-imputat, pero hija tissottometti li meta wiehed ihares lejn dan ir-ritratt sew jinduna li dan mhux l-imputat.

**9.** Kopja ta' dan l-istill tinsab ukoll fir-rapport tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco, pero dan l-espert jghid li meta mar fuq il-post, il-filmati ma kienux aktar disponibbli fuq cloud services,, u allura huwa hadem fuq il-kopja tal-filmati li tatu Grazille Mangion waqt ix-xhieda taghha. Id-difiza tissottometti li din m'hijiex l-ahjar prova li kellha ggib il-prosekuzzjoni. Huwa vera li l-Artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jghid li bhala regola ghandha tingieb l-ahjar prova. Pero l-ebda disposizzjoni tal-Kodici Kriminali ma tippreskrivi li t-tieni l-ahjar prova mhix ammessibbli, iktar u iktar meta l-ahjar prova ma tkunx ghadha iktar tezisti.

**10.** Fl-opinjoni tal-Qorti, ghalkemm m'hemmx dubbju li l-konfigurazzjoni tal-wicc u l-figura tal-persuna li tidher fl-istill tixbah hafna lill-imputat, l-istill mhux car bizzejjed sabiex il-Qorti tista tikkonkludi lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-persuna li tidher f'dan l-istill huwa effettivament l-imputat. Konsegwentement, il-Qorti trid tevalwa il-prova ta' din l-

[2] Ara fol.34 tal-process

istill fid-dawl tal-provi l-ohra imressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza, u hafna minn dawn il-provi huma provi indizzjarji.

**11.** Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjarji, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun** deciza fid-9 ta' Jannar 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) [3] irriteniet hekk fir-rigward:

*"L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha ta' htija fuq il-bazi ta' provi indizzjarji. Issa ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar important mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci:*

*"Circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases; and, indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged in the pleading by the direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more rare than in civil cases; and where such testimony is not available , the jury are permitted to infer from the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. "It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another ... ... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Per Lord Norman in Teper v. R. [1952] A.C. 480 at 489, P.C." (Archbold 1997, para 10-3).*

**12.** Prova ohra li l-Prosekuzzjoni tistrieh fuqha hija l-fatt li fil-vettura nstabu xi oggetti bhalma allegatament kienu nsterqu mir-residenza ta' Marsaxlokk. Kif issottomettiet id-difiza, il-muniti u l-karti tal-bank huma kollha l-istess jekk huma ta' valuta legali u tajba. Pero kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Anthony Mangion xehed li hu u l-mara tieghu Grazielle Mangion kienu ghamlu sentejn jghixu l-Isvizzera u ghalhekk kien ghad fadlilhom xi karti francs u xi muniti wkoll. Huwa spjega wkoll li hu jahdem bhala Air Traffic

[3] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

Controller, u s-sena ta' qabel is-serqa kien stazzjonat l-Iraq, u kienu jtuhom *spending money*, li bhala standard kienu jkunu karti tal-mitt Dollaru.[4]

**13.** Id-dollari li nstabu fil-pussess tal-imputat kienu tlett karti tal-mitt Dollaru kull wiehed.

**14.** Jibda biex jinghad li l-imputat kellu 22 sena meta gie arrestat. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li huwa kellu l-flus dollari ghax hu kellu mara/partner l-Ukraina, u meta kien jahdem l-Ukraina xi snin qabel, kienu ihallsuh bi flus dollari. Huwa spjega li kien jahdem go fabbrika ta' habib tieghu li kienet timmanufattura l-gobon, u tiddistribwixxi l-prodotti taghha go l-Ukraina stess, u l-attivita kummercjali taghha hija limitata ghall-Ukraina biss.[5] Frankament din il-Qorti issibha difficli biex temmen li fabbrika li ibbazata esklussivament l-Ukraina, thallas lill-impjegati taghha bil-munita tad-dollari. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn kien isir dan, u lanqas ipproduca xi forma ta' prova, wisq inqas wahda indipendenti, biex isahhah dak li kien qed jghid.

**15.** Dwar il-muniti Francs Svizzeri, l-imputat xehed li fl-Italja hu kien qed jghix ma' habib tieghu, pero meta dan il-habib telaq mill-post, huwa halla warajh dawn il-muniti Svizzeri, u l-imputat kien hadhom.[6] L-imputat bl-ebda mod ma elucida lill-Qorti ghaliex dan il-habib tieghu fl-Italja kellu fil-pussess tieghu muniti Svizzeri, ghaliex hallihom warajh, u ghaliex hu, cioe l-imputat, iddecieda li johodhom.

**16.** Rigward iz-zewg flixken fwieha li nstabu fil-pussess tieghu, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li dawn xtrahom mill-Italja, u gabhom mieghu Malta.[7] Fix-xhieda tieghu, huwa jghid li wiehed mill-flixken tal-fwieha xtrah mill-ajruport ta' Budapest u l-flixkun l-iehor tahulu habib tieghu.[8] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jghid li *"kien xtara dawn il-fwejjah mid-duty free bi prezz vantagguz."*[9] Minn dan il-kunflitt fil-verzjonijiet, jidher li lanqas l-imputat ma hu cert kif dawn iz-zewg flixken tal-fwieha – li b'ko-incidenza huma identici ghal dawk li gew misruqa lil Mangion – gew fil-pussess tieghu.

[4] Ara fol. 59 tal-process.
[5] Ara fol. 409 tal-process.
[6] Ara fol. 403 tal-process.
[7] Ara fol. 195 tal-process.
[8] Ara fol. 403 tal-process.
[9] Ara fol. 423 tal-process.

**17.** Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li hu beda jigi Malta ghal btala u biex jistudja l-Ingliz. Huwa jghid li hawn Malta ma kienx jahdem, u kienu jibghatulu l-flus l-genituri tieghu – ghalkemm ma ipproduca l-ebda prova ta' dan. Jghid ukoll li kien jigi Malta xi hames (5) darbiet fis-sena, u gieli baqa' hawn xi xaharejn, u gieli baqa' gimgha biss.

**18.** L-imputat xehed ukoll li huwa beda jistudja l-Ingliz hawn Malta bhala ghajnuna fuq ix-xoghol *"jigifieri ma kinietx xi haga serja".*[10] Mistoqsi ghalfejn ghandu bzonn jitghallem l-Ingliz, ladarba jahdem ma' fabbrika lokali Ukraina li l-business taghha kien limitat ghall-Ukraina, l-imputat wiegeb li kellu bzonn jitghallem l-Ingliz biex jitkellem ma' impjegati barranin, bhal persuni mill-Polonja.

**19.** Jonathan Tabone, in rapprezentanza ta' Virtu Ferries, xehed li fis-sistema taghhom kien jirrizulta li l-imputat ivvjaga bil-vettura Fiat Idea bin-numru ta' registrazzjoni DE 690 XT, erba' darbiet:[11]

(i) fis-7 ta' April 2019 minn Pozzallo ghal Malta
(ii) fl-20 ta' April 2019 minn Malta ghal Pozzallo
(iii) fl-20 ta' April 2019 minn Pozzallo ghal Malta
(iv) fit-18 ta' Awwissu 2019 minn Malta ghal Pozzallo
(v) fil-21 ta' Awwissu 20019 minn Pozzallo ghal Malta

**20.** Jonathan Abdilla, in rapprezentanza tal-Air Malta plc, ipprezenta lista tan-numru ta' titjiriet li l-imputat ghamel mal-Air Malta bejn Dicembru 2018 u l-ahhar ta' Frar 2019.[12] It-tijiriet kienu dawn:

(i) fid-19 ta' Dicembru 2018 tar minn Malta ghal Boryspil l-Ukraina;
(ii) fl-24 ta' Dicembru 2018 tar minn Brussel ghal Malta
(iii) fid-29 ta' Dicembru 2018 tar minn Malta ghal Berlin
(iv) fl-1 ta' Jannar 2019 tar minn Ruma ghal Malta
(v) fil-5 ta' Frar 2019 tar minn Ruma ghal Malta
(vi) fit-12 ta' Frar 2019 tar minn Malta ghal Ruma
(vii) fil-21 ta' Frar 2019 tar minn Ruma ghal Malta
(viii) fit-22 ta' Frar 2019 tar minn Malta ghal Ruma.

---

[10] Ara fol. 411 tal-process.
[11] Ara fol. 180-182 tal-process.
[12] Ara fol.251-255 tal-process.

**21.** Huwa vera li l-fatt li l-imputat isiefer ma jikkostitwix reat, pero dan l-ivvjaggar persuna barranija ta' 22 sena li ma ghandhix rabtiet ma Malta, ma tahdimx u l-hin kollu gej u sejjer minn Malta, certament m'huwiex agir ta' persuna normali.

**22.** Inoltre mill-provi jirrizulta li l-imputat irregistra ma' skola li tghallem l-Ingliz hawn Malta. L-ewwel darba li attenda l-iskola kien fl-1 ta' April 2019 u kellu ibbukkjat sal-5 ta' Awwissu. B'kollox ibbukkja 156 siegha lezzjonijiet, pero attenda biss 90.188 siegha. Ma kienx ibbukkja l-kors kollu, pero kien jestendi kull gimgha. Kien hemm gimghat fejn ma hallasx lezzjonijiet u gimghat ohra, fejn ma hallasx ghal-lezzjonijiet kollha possibbli f'gimgha.[13] Mill-provi jirrizulta wkoll li kien ihallas l-imputat personali ghal dawn il-lezzjonijiet u dejjem hallas flus in kontanti. B'kollox hallas €1188 ghal dawn il-lezzjonijiet.[14]

**23.** Il-fatt li nonostante li bbukkja u hallas ghal dawn il-lezzjonijiet, attenda ghal prattikament nofshom, u dan b'mod sporadiku juri b'mod car li l-imputat ma kienx qed jiehu dawn il-lezzjonijiet bis-serjeta, kif hu stess ammetta, kif intqal aktar il-fuq.

**24.** Il-Prosekuzzjoni taghmel riferenza wkoll ghal fatt li meta arrestaw lill-imputat gie *inter alia* elevat il-mobile tieghu. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li ma kienx jaf in-numru ta' dan il-mobile, u lanqas kien jaf x'linja ghandu, ghax dan il-mobile kien ta' huh.[15]

**25.** F'dawn il-proceduri xehdet Charmaine Zammit li tahdem bhala *Data Disclosure Advisor* tal-Vodafone Malta Limited.[16] Hija xehdet li fuq il-mobile li ghandu l-IMEI number (cioe is-serial number) 3530580908633086 dahlu erba' SIM cards differenti tal-Vodafone fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-21 ta' Awwissu 2019. Dawn is-SIM cards kellhom dawn in-numri 99539891, 99651680, 99118316 u 99633948. L-ewwel zewg numri huma registrati fuq l-imputat, fil-waqt li iz-zewg numri l-ohra m'humiex registrati, ghax is-SIM card taghhom ma nxtratx mill-hwienet tas-socjeta Vodafone Malta Limited. L-ewwel numru inxtara fl-20 ta' Novembru 2018, it-tieni numru fit-23 ta' Dicembru 2018, it-tielet numru fl-1 ta' Frar 2019, u r-raba numru fl-20 ta' Lulju 2019. L-erba' numri kienu ghadhom attivi meta xehdet. Din ix-

[13] Ara xhieda ta' Gillian De Gaetano a fol. 95 sa 98 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Gillian De Gaetano a fol. 378 sa 382 tal-process.
[15] Ara fol. 196 tal-process.
[16] Ara fol. 238 – 240 tal-process

xhud ipprezentat dokument bid-dettalji tar-registrazzjoni ta' dawn l-erba' numri, kif ukoll CD li fiha l-call profile u l-localisation data mill-1 ta' Jannar 2019 sal-21 ta' Awissu 2019.

**26.** Mistoqsi ghalfejn kellu bzonn erba' linji cellulari, l-imputat xehed li hu kien juza l-mobile sabiex jaccessa l-internet. Darba xtara numru ghal habib tieghu li gie ftit jiem Malta, u wara rema' n-numru. Darba ohra rema' n-numru ghax kien hemm tfajla il-hin kollu iccempillu, u darba ohra rema' n-numru ghax mar il-Grecja u ma kellux bzonnu izjed. Jghid li r-raba' numru kien tieghu.[17] Ma hemmx dubbju li din ix-xhieda mhix veritiera ghax mix-xhieda ta' Charmaine Zammit u mid-dokumenti minnha ezebiti jirrizulta li l-erba' numri kienu ghadhom attivi ghall-inqas sa dak in-nhar li xehdet.

**27.** Din il-Qorti ezaminat ic-CD li tikkontjeni l-call profile tal-uzu li sar minn dan il-mobile u l-location data.[18] Minn dan l-ezami irrizultaha li fil-perjodu bejn it-30 ta' Jannar 2019 u id-19 ta' Gunju 2019, dan il-mobile kellu fih is-SIM card bin-numru 99118316, li ma hux registrat. Wara id-19 ta' Gunju 2019, dan il-mobile ma baqax jintuza ghal xi gimghat, u rega' beda jintuza fis-17 ta' Lulju 2019 sal-20 ta' Awwissu 2019 pero bis-SIM card numru 99633848, cioe in-numru l-iehor li mhux registrat.

**28.** Huwa rilevanti li s-serqa fir-residenza Marsaxlokk saret fl-20 ta' Gunju 2019 – cioe l-ewwel gurnata li l-mobile ma baqax jintuza ghal xi gimghat, u l-imputat gie arrestat fil-21 ta' Awwissu 2019, gurnata wara l-ahhar darba li ntuza l-mobile. Fir-rapport tieghu, l-espert Jonathan Mizzi jghid li l-mobile iphone li ezamina kellu SIM card bl-ICCID 8935601201811199260 tal-kumpanija Vodafone installata fih.[19] Issa mis-CD ipprezentata minn Charmaine Zammit, rapprezentanta tal-Vodafone, jirrizulta li dan ICCID jew SIM code jappartjeni lis-SIM card bin-numru 99633948[20] – cioe it-tieni numru mhux registrat li kien qed jintuza. Ghalhekk meta l-imputat gie arrestat fil-mobile tieghu hu kellu is-SIM card bin-numru 99633948, li skond ix-xhieda ta' Charmaine Zammit, iccitata aktar il-fuq, inxtara fl-20 ta' Lulju 2019 – cioe xahar wara li sehhet is-serqa Marsaxlokk, u meta n-numru 99118316, li wkoll mhux registrat, kien waqaf jintuza gurnata qabel sehhet is-serqa.

[17] Ara fol. 412 tal-process.
[18] Ezebita bhala Dok CZ2 a fol. 242 tal-process.
[19] Ara fol. 270 tal-process.
[20] Ara ic-CD ezebita bhala Dok CZ2 a fol. 242 tal-process fil-parti intitolata "IMEI Search"

**29.** Inoltre, mil-location data fl-istess CD jirrizulta li fl-14 ta' Gunju 2019 – cioe 6 ijiem qabel is-serqa – il-mobile kien qieghed Marsaxlokk u fl-inhawi tieghu ghal tal-inqas bejn l-19.14hrs u 20:50hrs.

**30.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza tirreferi ghar-rapport tal-espert Jonathan Mizzi, fejn jghid li: *"Din is-SIM card kienet analizzata u fiha l-kuntatti standard u li jinsabu f'kull SIM card tas-service provide Vodafone, ma kien hemm l-ebda data x'tinhareg."*[21] (sottolinear tad-difiza). Id-difiza tissottometti li *"(d)an jeskludi kompletament it-tezi tal-prosekuzzjoni li f'dak il-jum tal-allegat serqa l-imputat kien fl-inhawi ta' Marsaxlokk, u dan stante li l-mobile tieghu qed jimmarka mod iehor"*.[22] Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li l-prosekuzzjoni qatt ma allegat li fil-jum tas-serqa l-imputat kien fl-inhawi ta' Marsaxlokk. Dak li allegat il-prosekuzzjoni huwa li f'gurnata ftit qabel sehhet is-serqa, l-imputat kien fl-inhawi ta' Marsaxlokk, u mil-location data jirrizulta li ghall-inqas il-mobile tieghu kien hemmhekk fl-14 ta' Gunju 2019 bejn 19:14 u 20:50. Fit-tieni lok, huwa notorju, li l-location data ma tigix irregistrata fis-SIM card, kif qed tallega id-difiza, izda tkun irregistrata ghand is-service provider, f'dan il-kaz il-Vodafone, ghax huwa izomm record ta' ma' liema repeater ikun mqabbad mobile partikolari, u mill-post fejn ikun gie installat ir-repeater ikunu jafu il-massimu taz-zona li mobile partikolari ikun jinsab f'gurnata u hin partikolari. Fil-fatt din il-location data giet ipprezentata minn Charmaine Zammit fic-CD minnha ezebita.[23] Konsegwentement dan l-argument tad-difiza huwa fattwalment skorrett.

**31.** Id-difiza wkoll tfakkar li l-imputat xehed li l-vettura li huwa kien juza gieli kienet tintuza minn haddiehor kif ukoll l-istess mobile set huwa intestat u huwa ta' huh u li gieli hallieh fil-vettura. Pero, apparti x-xhieda tieghu, l-imputat ma gab lanqas l-icken prova sabiex jipprova jikkorrobora din ix-xhieda tieghu.

**32.** Ghalkemm fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li ma jafx fejn hu Marsaxlokk, u ma jafx li mar hemm, din il-Qorti ma tqisx lill-imputat kredibbli stante li fl-ewwel lok *ex admissis* u kif jirrizulta mill-provi, ilu jigi Malta regolament – prattikament jghix Malta – minn ghall-inqas Dicembru 2018, il-geografija ta' Malta jafha sew, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Shawn Pawney u PS430 Andrew St. John dwar is-sewqan tieghu u l-location

[21] Ara fol. 270 tal-process.
[22] Ara fol. 424 tal-process.
[23] Ara Dok CZ2 a fol. 242 tal-process.

data tal-mobile tieghu tati stampa cara tal-postijiet li kien jiffrekwenta. Ghalhekk il-fatt li l-mobile tieghu nqabad ghal aktar minn siegha u nofs Marsaxlokk fl-14 ta' Gunju 2019 jista' biss ifisser li l-imputat kien ukoll Marsaxlokk dak il-hin, ghax *dato ma non cesso* li l-mobile jappartjeni lil huh – ghalkemm l-imputat ma gabx l-icken prova in sostenn ta' dan – din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li dan il-mobile kien fil-pussess esklussiv tal-imputat u kien jaghmel uzu minnu biss hu.

**33.** L-imputat lanqas gab l-icken prova li xi hbieb tieghu setghu hadulu l-karozza bil-mobile fiha u marru Marsaxlokk, kif jallega li jista' gara fix-xhieda tieghu.[24]

**34.** Inoltre, il-fatt li meta fil-21 ta' Awwissu 2019, l-imputat induna li qieghed jigi segwit minn vettura tal-Pulizija, ghax anke xeghlu l-beacon light fuq is-saqaf, huwa ghamel minn kollox biex jizgicca u jaharbilhom, u addirittura ipparkja go parking space ta' supermarket biex ma jsibuhx, jista' biss ifisser li l-imputat kellu l-faham miblul.

**35.** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-provi indizzjarji huma univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat huwa wiehed miz-zewg hallelin li kkommettew is-serq ikkwalifikat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni.

**36.** In vista tal-fatt li din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u cioe dik ta' ricetazzjoni, stante li din l-imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

*It-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet – Sewqan traskurat u Perikoluz*

**37.** Id-difiza tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar dawn l-imputazzjonijiet. Dan m'hux korrett, ghax fuq dawn l-imputazzjonijiet xehdu fid-dettal l-Ispettur Shawn Pawney u PS430 Andrew St. John.

[24] Ara fol. 407 tal-process.

**38.** Fix-xhieda taghhom dawn xehdu li l-imputat ghadda minn fuq it-traffic lights meta dawn kienu homor, u dar ghal fuq il-karreggata l-ohra, ghalkemm kien hemm it-traffiku ghaddej ghax it-traffic lights kien ghadu jippermetti li t-traffiku jghaddi. Meta l-vettura tal-Pulizija rnexxielha terga' tintercettah, l-imputat beda jzid l-ispeed u beda anke jserrep u jaqbez b'mod perikoluz minghajr ma jixghel l-indicators, u dan nonostante li kien hemm karozzi ohra u nies ghaddejjin bir-rigel, u xi toroq kienu dojoq.[25]

**39.** Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija.

**40.** Pero huwa vera li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat kien qed isuq b'velocita li teccedi li l-massimu stabbilit mil-ligi ghal xi zona partikolari li ghadda minnha.

**41.** Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati biss tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontih, u se tilliberah mill-hames imputazzjoni.

*L-Imputazzjoni tar-Recidiva*

**42.** L-unika prova li l-Prosekuzzjoni gabet dwar ir-recidiva hija email mibghuta mill-awtoritajiet ta' Tbilisi li tghid li fis-27 ta' Lulju 2018, l-imputat *"was convicted for committing the crime envisaged by the Article 214 (Breach of the procedure related to the movement of goods across the customs border of Georgia) of the Criminal Code. He was fined with 10000 GEL."*[26]

**43.** L-Ufficjal Prosekutur xehed li minn informazzjoni li ghandu, l-imputat inqabad jipprova johrog mill-Georgia b'xi deheb, u wehel multa.

[25] Ara fol. 167 tal-process.
[26] Ara fol. 54 tal-process.

**44.** Fin-nuqqas ta' sentenza ta' Qorti jew tribunal, debitament awtentikata mill-awtoritajiet Georgjani, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-addebitu tar-recidiva sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**45.** Ghaldaqstant il-Qorti se tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni li titratta mal-imputat bhala recidiv.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**46.** Ghal fini ta' piena, il-Qorti hija tal-opinjoni li ir-raba' imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni, u cioe dik ta' sewqan traskurat u perikoluz, u dan bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali u ideologiku tar-reati.

**47.** Id-difiza ghamlet accenn ghal fatt li l-fedina tal-imputat hija wahda netta. Pero fil-kaz odjern, l-imputat huwa barrani u mill-provi jirrizulta li kien ilu gej u sejjer minn hawn Malta minn Dicembru 2018, cioe ftit iktar minn sitt (6) xhur minn meta gew kommessi r-reati li bihom gie mixli. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat ghal fini tal-ikkalibrar ta' piena.

**48.** Tenut kont tal-fatt li l-ammont ta' affarijiet misruqa huwa ta' kwazi €15,000 u l-affarijiet li nstabu fil-pussess tal-imputat huma *de minimis*, u tenut tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea hija wahda ta' prigunerija effettiva.

**49.** L-imputat instab hati *inter alia* tal-ewwel imputazzjoni, u cioe ta' serq ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-lok.

**50.** L-Artikolu 279 (b) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:
*"Il-hati ta' serq ikkwalifikat bil- "valur" biss, jehel — (b) jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin"*

**51.** L-Artikolu 280 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi:

*"(1) Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar Artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom."*

**52.** L-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:
*"Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum".*

**53.** Ghar-rigward it-tielet imputazzjoni, u cioe dik ta' sewqan traskurat u perikoluz, l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi l-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn Euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena, kif ukoll skwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

**Konkluzjoni**

**54.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Awwissu 2020:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ma issibx lill-imputat hati tal-addebiti kontemplati fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u tal-Artikolu 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnhom

3. wara li rat l-Artikoli 261(c), (e) u (f), 267, 269(g), 270, 279(b), 280(1) u 20 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 125(2)(a) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati;

4. Inoltre, il-Qorti qieghda tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena, li ghandha tibda tiddekorri mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata.

5. Ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bil-mutur tal-ghamla Fiat Idea bin-numru ta' registrazzjoni DE 690XT;

6. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

7. Inoltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas lil Anthony Mangion u Grazille Mangion is-somma ta' sebat elef, mitejn u hamsin Euro (€7,250), rapprezentanti nofs l-ammont misruq.

   Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Billi din il-Qorti hija tal-opinjoni li meta Gega Gurgenidze xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Dicembru 2020, huwa ma qalx il-verita, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex wara d-debita investigazzjoni okkorendo, jibda proceduri kontrieh talli iddepona il-falz f'din il-kawza.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**